MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 26/2006

Maltacom plc

vs

Victor Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta’ attrici li jghid hekk :

“Illi l-konvenut ghandu jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u disgha u disghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm399.51) rapprezentanti ammont dovut in kwantu ghall-ammont ta’ tlett mija u disgha u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm399.51) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21551318 (acc. No. 10212338), u in kwantu ghall-ammont ta’ sittin lira Maltin (Lm60) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565384 (Acc. No. 10212339), liema servizzi gew installati fuq talba tal-konvenut fil-fond bin-numru 25, Triq L-Arcipriet

Saver Cassar, Victoria, Ghawdex, u fil-fond bl-isem “Gormar”, Triq Ix-Xwejni, Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, rispettivament, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreements” annessi mal-avviz tat-talba u markati bhala dokumenti “A” u “B”.

“Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fil-25 ta’ Jannar 2007, u baqa’ ma dahhal ebda risposta u lanqas ma deher personalment ghall-udjenzi tas-7 ta’ Frar 2007, u tat-13 ta’ Marzu 2007.

Sema’ lil Emanuel Cini, *customer service officer* mal-kumpanija Maltacom plc, bil-gurament fl-udjenza tat-13 ta’ Marzu 2007, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenut, u li baqa’ ma giex saldat.

Ra d-dokumenti li gew esibiti mal-avviz tat-talba u dawk li gew esibiti mix-xhud Emanuel Cini fosthom il-kopja tal-Payment Programme Agreement [dokument E] li sar bejn il-partijiet fit-2 ta’ Frar 2007, li permezz tieghu l-konvenut accetta li jhallas l-ammont dovut f’pagamenti rateali ta’ ghoxrin lira maltin (Lm20) il-wiehed.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita konferma.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lill-konvenut li jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet mija u disa’ u disghin liri maltin u wiehed u hamsin centesimi (Lm399.51) skond l-avviz tat-talba u ghall-istess ragunijiet hemm imsemmija, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data ta’ meta gew rezi s-servizzi msemmija sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici nkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet

professjonali tal-avukat tas-socjeta' attrici, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------